# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## Seduta ta’ nhar il-Erbgha sitta (6) ta’ April 2016

**Libel Numru 1/14 FDP**

**Pierre Darmanin**
**(ID 254077M)**

**vs**

**Paul Piscopo**
**(ID 141162M)**

Il-Qorti:-

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Paul Piscopo permezz ta' kwerela ta' Pierre Darmanin datata 16 ta' Ottubru 2013 fejn Piscopo gie akkuzat mill-Pulizija permezz ta' Tahrika ta' Libel illi:

Fil 11 ta' Ottubru 2013, bil-hsieb illi ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Pierre Darmanin, wegghu bi kliem, b'gesti jew b'kitba, b'disinji jew b'xi mod oehor bi ksur tal-Artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi

Fl-istess data u cirkustanzi, permezz ta' figuri jew disinji, gew imxandra jew esposti fil-pubbliku affarjiet bi ksir ta' l-Artikolu 252 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi fit 18 ta' Gunju 2014, il-kwerelant, Pierre Darmanin, esebixxa tlett artikolu illi lkoll dehru fil 11 ta' Ottubru 2013 fuq il-gazzetti l-Orizzont, il-Malta Today u il-Maltarightnow.com

Semghet ix-xhieda ta' kwerelant **Pierre Darmanin** moghtija fit 28 ta' Jannar 2015 fejn reggha esebixxa l-istess tlett artikoli fuq imsemmija u kkonferma illi kien abbazi ta' dawna t-tlett artikoli illi huwa nieda l-proceduri odjerni.

Semghet ix-xhieda ta' **Anthony Busuttil**, Direttur tat-Taqsima ta' l-Enforcement fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana, moghtija fit 28 ta' Jannar 2015 u fis 17 ta' Gunju 2015.

Rat illi fil 15 ta' Lulju 2015 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Pawlu Piscopo** moghtija fid 9 ta' Marzu 2016, wara liema xhieda id-difiza staqrret illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid 9 ta' Marzu 2016, wara liema trattazzjoni il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kawza odjerna hija rizultat ta' Protest Gudizzjarju, li qatt ma gie ppresentat quddiem dina l-Qorti, illi gie ippresentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili minn socjeta tal-kwerelat, ossija Dimitra Fishing Company, kontra d-Direttur tad-Dwana fejn tali socjeta kienet qieghda tallega illi hija kienet qieghda tigi diskriminata meta l-bastiment taghha gie mizmum mill-Awtorita' peress illi instab diesel fuq l-bastiment mhux dikjarat filwaqt illi bastimenti ohra, li wkoll allegatament kien instab fuqhom diesel mhux dikjarat, ma kienux gew mizmuma.

Jirrizulta illi f'tali protest gudizzjaru, is-socjeta Dimitra Fishing Company, socjeta ta' Paul Piscopo, semmiet lill MV Padre Pio, MV Golden Dawn u MV Silver King bhala id-dghajes illi fuqhom kien instab diesel tal-kuntrabandu izda dawna ma kienux inzammew mill-Awtoritajiet.

Jirrizulta illi dana il-Protest Gudizzjarju kien gie irrappurtat fil-media lokali, u partikolarment fuq l-Orizzont, il-Malta Today u il-Maltarightnow.com fuq is-siti elettronici taghhom, u kien dan illi wassal lill-kwerelant Pierre Darmanin sabiex jinbghat il-kwerela lill-Pulizija fis 16 ta' Ottubru 2013 (fol 4).

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Pierre Darmanin, illi l-bastiment MV Silver King huwa bastiment tieghu.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Anthony Busuttil, rappresentant tad-Dipartiment tad-Dwana, illi kemm il-bastiment MV Dimitra tal-kwerelat Paul Piscopo kif ukoll il-bastiment MV Silver King, fis-sajf tas-sena 2013, kien gew mizmuma, f'istanzi differenti, milli jitilqu mill-Port wara illi kienu qed isiru investigazzjonijiet separati mill-Pulizija dwar bejgh illegali ta' diesel.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-akkuza kif proposta, kif ukoll il-kwerela datata 16 ta' Ottubru 2013 illi abbazi taghha inharget it-Tahrika ta' Libel, tibbaza l-akkuzi fuq l-Artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

Jirrizulta illi Artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu s-segwenti:

> *(1) “Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi ħadd, iweggħu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ prigunerija għal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*
>
> *[...]*
>
> *(3) Jekk l-ingurja ssir b’kitba, b’figuri jew b’disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta’ prigunerija għal zmien ta’ mhux izjed minn sena”.*

Jirrizulta wkoll illi Artikolu 256(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

> *“Fil-kazijiet ta’ ingurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa.*

Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, moghtija fl-10 ta’ Lulju 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Prim Imhallef Vincent DeGaetano

*"Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l- appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l- Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil- mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".*

Jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi prodotti, partikolarment ix-xhieda tal-kwerlant Pierre Darmanin, illi huwa hassu malafamat b'dak illi gie rappurtat fil-gazzetti minnu pprovduti lill-dina l-Qorti wara illi l-akkuzat kwerelat, permezz ta' socjeta privata tieghu, ghamel Protest Gudizzjarju u semma bastiment illi kien tal-kwerelant.

Il-Qorti ma hijiex ser toqghod tidhol fid-dettall dwar il-fatt illi l-kliem intqalu f'Protest Gudizzjaru illi, minn natura tieghu, huwa dokument privileggajt, u illi dana kien rappurtat fil-gurnali, liema rappurtagg wkoll huwa privileggjat.

Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi dak illi dwaru l-kwerelant qieghed jilmenta ikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kapitolu 248. B'hekk kull akkuza li talvolta setghet tigi dedotta kontra l-imputat kellha f'dan il-kaz tkun akkampata taht il-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi z-zewgt imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat, cioé taht l-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kapitolu 9 ma jistghux jirnexxu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-akkuzi kif migjuba kif ukoll il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** lill-akkuzat Paul Piscopo mill-kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur